# Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta: Marjoloġija mfissra fil-kulur

**P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

## Daħla

San Ġwann tas-Salib josserva li Alla xi drabi għandu ħabta jinqeda b'biċċiet ta' arti biex jiġbed lejh lill-bnedmin, u ġeneralment dawn ma jkollhomx xi preġju artistiku ta' barra minn hawn, anzi ġeneralment bil-kriterji estetiċi u artistiċi umani dawn ftit li xejn ikunu jiswew.[1] Huwa jgħallem lil dawk li jridu jimxu fil-ħajja tar-ruħ li dak li jpaxxi s-sensi tagħna għalkemm tajjeb fih innifsu jista' jkun ta' tfixkil fil-mixja tagħna lejn Alla għax qalbna tintrabat ukoll fil-ħwejjeġ qaddisa ma' dak li jogħġobna iżda li mhuwiex Alla, hekk li wkoll il-ħwejjeġ qaddisa jistgħu jwaqqgħuna fl-idolatrija. Għaldaqstant, jirraġuna San Ġwann tas-Salib, Alla jagħżel dak li bil-kriterji umani jidher ikrah, sabiex huwa jmiss il-qalb tal-bniedem u jerfgħu mill-ħwejjeġ sensibbli għall-ħwejjeġ spiritwali.

Hekk jista' jingħad għall-"kwadru tax-xbieha prodiġjuża tal-Madonna tal-Karmnu"[2] kif isejħilha P. Lawrenz Sammut, għax "għalkemm il-kwadru forsi mhuwiex ta' preġju artistiku, b'danakollu huwa jqanqal devozzjoni u mħabba f'min iħares lejh biss".



Il-Madonna tad-Dehra f'Pallestrina, Venezja. Hemm xebħ kbir bejn din il-pittura u s-Santwarju tagħna.

L-oriġini ta' dan il-kwadru, bħal kull kwadru ieħor jew ikona prodiġjuża jintilef fiż-żmien. Eżattament mnejn ġie ma nafux bħalma lanqas nafu min hu l-artist li ħolmu u pittru. Aktarx kien P. Ġwann Vella li ġabu minn Sqallija qrib l-1570. P. Lawrenz Sammut jirreferi l-fehma ta' Ġużeppi Bonnici Calì li aktarx li hu tal-artist Filippo di Benedetto Paladini (1544-1614) wieħed mill-aħħar mgħallma tal-Manjeriżmu Toskan li ħarab lejn Malta fl-1590.[3] Meta fl-1924 il-kwadru nqala' għar-restawr instab warajh kwadru ieħor jixbħu, bid-differenza li l-Madonna qed iżżomm lit-Tfajjel Ġesù fuq il-lemin flok fuq ix-xellug. Dan il-kwadru aktarx huwa dak li ġarrab ħsarat kbar u ħruq mis-sajjetta tal-1797 u skont P. Lawrenz minnu kien fadal biss l-uċuħ tal-Bambin u tal-Verġni Marija.[4]

Hemm xebħ, l-iktar fil-wiċċ tal-Madonna u fil-qagħda tal-ilbies, bejn il-kwadru li hemm illum u kwadru ieħor interessanti, antik ħafna li jinsab fis-Santwarju tal-*Madonna tad-Dehra* f'Pallestrina, Venezja. Dal-kwadru laqatni mill-ewwel fix-xebħ tiegħu malli rajtu Venezja. Skont it-tradizzjoni pittru pellegrin fuq tavla ta' bettija tal-inbid bħala radd ta' ħajr lil familja li laqgħetu għandha. Din x-xbieha kellha magħha wkoll impittra fl-istil tas-*sacra conversazione* lil San Vito u San Modesto, illum maqtugħin mix-xbieha tal-Verġni Marija. Hemm min isostni li dal-kwadru hu ta' skola spanjola.

Il-Manjeriżmu, speċjalment fl-Italja, huwa stil ta' tranżizzjoni bejn ir-Rinaxximent u l-Barokk. Dan l-istil huwa karatterizzat mill-ħsieb, u mill-artifiċjalità fis-sens li jevita li jirriproduċi eżatt dak li hemm fin-natura, kif ukoll jevita s-simetrija perfetta fil-kompożizzjoni mingħajr ma jitlef l-ekwilibriju. Dawn huma elementi li ninnutawhom fil-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. Għal xi raġuni jew oħra, nippreżumu li sabiex il-

kwadru jkun jista' jidħol fil-gwarniċ fuq l-altar maġġur, inqatgħet barra Santa Luċija (?) biswit Santa Agata verġni u martri, patruna ta' Sqallija u ta' Malta u xi figura oħra n-naħa ta' San Xmun Stock, il-Ġeneral tal-Ordni marbut mat-tranżizzjoni tal-Karmelitani minn eremiti għal mendikanti u mad-dehra tal-Labtu. Il-qagħdiet tal-qaddisin huma ieratiċi, u tonqos fihom ċertu naturalezza, hekk li l-figuri qishom inġiebu min xena oħra u tqegħdu fil-kompożizzjoni tal-kwadru. Naturalment dan l-istil mhuwiex frott ta' nuqqas ta' ħila artistika, imma maħsub biex joħloq effett ta' stabilità, kważi, kważi immortalizzazjoni fiż-żmien ta' xena li ġejja mill-eternità. Minn hawn irridu nibdew ninterpretaw il-kwadru mil-lenti reliġjuża, teoloġika u spiritwali. Is-sens ta' ekwilibriju, l-użu ta' ftit figuri fix-xena limitata għal dawk essenzjali biss flimkien man-nuqqas ta' elementi sekondarji, ifakkruna fl-opra artistika ta' Fabrizio Santafede (1560-1635) artist Manjerista Naplitan li ħadem kemm fin-Nofsinhar tal-Italja kif ukoll fit-Tramuntana u għandu wkoll xi xogħlijiet fi Spanja. Nistgħu ngħidu li l-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu bħax-xogħol ta' Santafede jfittex li jinterpreta l-arti sagra b'dik is-serjetà u l-gravità mitluba mir-Riforma Kattolika Tridentina u fl-istess ħin ittemprata biex tqanqal id-devozzjoni ta' min jikkontemplaha hekk li x-xbieha ma twaqqfekx fiha nnifisha imma ddaħħlek fil-misteru.[5]

### "Deher sinjal kbir fis-sema..." (Apok 12:1)

Naturalment l-iktar figura li tispikka fix-xena hija dik tal-Verġni Marija, li bħal donnha ħierġa mid-dija tas-sema dehbiena wara li din infetħet biex tħalliha tinżel jew tgħaddi. Is-sħab bajdani bħal donu separju jew bieb li nfetaħ biex tgħaddi minnu l-Verġni Mbierka Marija. Għandna hawnhekk ċara l-ispirazzjoni mit-test bibliku tal-Apokalissi li t-Tradizzjoni tal-Knisja tapplikah għal Marija Santissima:

"Infetaħ it-tempju ta' Alla u dehret l-Arka tal-Patt tiegħu...deher sinjal kbir fis-sema, Mara liebsa x-xemx bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. Hija kienet fl-uġigħ tal-ħlas..." (Apok 11:19; 12: 1-10)



L-użu ta' ftit figuri fix-xena limitata għal dawk essenzjali biss flimkien man-nuqqas ta' elementi sekondarji, ifakkruna fl-opra artistika ta' Fabrizio Santafede.

Marija nieżla mit-tempju miftuħ ta' Alla fis-sema, hija l-Mara liebsa x-xemx b'dik id-dija kollha ta' wrajha, bil-qamar taħt riġlejha li juri sbuħitha bla mittiefsa. Hija l-Mara rebbieħa fuq id-Dragun tal-qedem, ix-Xitan, rebbieħa bil-qawwa ta' Kristu li miegħu hi dejjem marbuta bħala maħbuba, dixxiplu u omm. L-Għarus fl-Għanja tal-Għanjiet jgħanni li l-maħbuba tiegħu hija "sabiħa bħall-qamar, tiddi bħax-xemx u tbeżża' bħal eżerċtu mħejji għat-taqbida" (Għan 6:10). Il-figura ta' Marija hija imponenti, tqila fis-sensi kollha. Ħdanha minfuħ biċ-ċinglu taħt sidirha 'l fuq minn ġufha juriha bħala Omm l-Iben ta' Alla li fiha sar bniedem, u li fil-kwadru jidher għeri bħala bniedem f'idejn Marija, jħares lejna għax hu sar bniedem bħalna għalina u għas-salvazzjoni tagħna.

L-għera ta' Ġesù tfakkar il-*kenosi*, it-tixjin tiegħu fl-Inkarnazzjoni u fuq is-Salib. L-għera hija wkoll stqarrija tat-twemmin li Ġesù huwa bniedem tassew, "bħalna f'kollox minbarra fid-dnub" (Lhud 4:15). Dan it-tixjin ta' Kristu jagħti lilna dinjità ta' wlied Alla. L-ewwel frott li jidher ta' din id-dinjità hija Marija nnifisha għax "l-ewwel Kristu, imbagħad dawk li huma ta' Kristu, kulħadd skont kif imissu"(1Kor15:22).

Sinjal ta' din id-dinjità hija l-porpra rjali jew imperjali li biha hi liebsa Marija, fuq l-aħmar tal-umanità hija mistura bil-mant blu tal-ħajja tas-sema, id-divinità. Dan hu dak li jissejjaħ il-*mirabile commercium*, bidla tal-għaġeb: Alla jsir bniedem fis-sura ta' lsir, biex il-bniedem minn ilsir jieħu s-sura ta' Alla, sehem min-natura divina. Bil-Maternità divina ta' Marija, Alla reġa' għaqqad l-art u s-sema fil-Persuna tal-Iben tiegħu magħmul bniedem. B'dan iż-żwieġ mistiku bejn Alla u l-bniedem fil-ġuf

ta' Marija, Alla reġa' daħħalna fil-Ġnien tal-Eden fejn l-ewwel ġenituri tagħna kissru bis-suppervja tagħhom l-armonija bejn id-divinità u l-umanità.

L-umiltà ta' Marija fid-disponibilità li tidħol f'dak li jogħġob lil Alla għamlet possibbli li sseħħ il-fidwa. Rasha baxxuta, ħarsitha tarmi l-ħlewwa tal-ġenna tfakkarna fil-beatitudni: "ħenjin ta' qalbhom ħelwa għax huma jkollhom b'wirthom l-art" (Mt 5:5), is-Saltna tas-Sema. Ħarsitha kollha ħlewwa u ħniena iżda juru wkoll l-attenzjoni tagħha u ħarsa tagħha fuqna. Minn din il-maternità divina toħroġ il-maternità spiritwali lejn il-Knisja, lejna wliedha li għadna mexjin "f'dan il-wied tad-dmugħ" sa ma naslu fis-sema pajjiżna. Dan jidher fil-ħalib li Kristu qiegħed jagħsar mill-beżżul ta' sider Marija, u li nieżel fuq l-erwieħ tal-purgatorju. Dawn l-erwieħ jinsabu "f'art niexfa, maħruqa, bla ilma" (Salm 62) fuq wara tidher Knisja b'kampnar b'erba' sulari, li jfakkarna ħafna f'dak tal-Bażilika tal-Karmnu f'Napli ristrutturat fl-1615 sal-1622 mill-perit Giovann Giacomo di Conforto. Eżatt fuq din il-Knisja il-Madonna qiegħda titfa' l-iskapular rahan tal-ħarsien tagħha fuq il-poplu ta' Alla li f'din id-dinja jitħabat sabiex jasal għall-imħabba perfetta fil-qadi ta' Alla. Għandna hawnhekk b'mod meraviljuż impinġija quddiemna r-rabta bejn il-Knisja pellegrina fl-art, dik li qed tissaffa' wara l-mewt u dik li tieħu sehem fis-sebħ tas-Sema, Marija. Mill-ftuħ tas-Sema, fejn hemm it-Tron ta' Alla (li ma jidhirx) għall-ħarsa ta' Marija, għall-id bl-iskapular, it-torri, l-erwieħ b'ħarsithom tiltaqa' mal-ħarsa ta' Kristu, hemm ċirku li jgħaqqad u jiġbor flimkien il-Knisja *militanti* (rappreżentata fl-bini tal-knisja), *purganti* (l-erwieħ tal-purgatorju) u *trijonfanti* (rappreżentata f'Marija il-mara tal-apokalissi li hija wkoll il-Knisja ta' Kristu. Marija fl-għoti tal-iskapular tlibbisna bil-ħajja tagħha u tħarisna bl-eżempju ta' ħajjitha u bl-interċessjoni tagħha fil-mixja tagħna wara Ġesù sa' ma naslu għall-imħabba perfetta ta' Alla u bħalha narawh wiċċ imb'wiċċ fil-glorja tas-sema. Marija qegħdha tistrieħ fuq sħaba sewda, donnha tqila bix-xita, tfakkarna fis-sħaba ta' Elija tielgħa mill-baħar u titfa' x-xita fuq l-art niexfa u maħruqa wara tliet snin ta' nixfa. Il-Karmelitani, segwew l-interpretazzjoni allegorika li jagħtu l-Missirijiet tal-Knisja tal-ġrajja tas-sħaba ta' Elija li fiha jaraw lill-Verġni Mbierka Immakulata tqila bix-xita tal-grazzja li hu Kristu li "jinżel bħax-xita fuq ir-raba maħsud, bħal ħalba xita li ssaqqi l-art bil-għatx" (Salm 72:6-7).

Is-sħaba taħt Marija tagħtina ħjiel storiku fl-iżvilupp tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu marbuta mal-wegħda tal-Bolla Sabatina li suppost tmur lura għas-sena 1322 twassal it-twemmin li Marija tinżel il-purgatorju nhar ta' Sibt ittella' l-erwieħ devoti tagħha lebsin l-iskapular fis-sema. Waqt li l-Papiet dejjem ikkonfermaw il-kontenut tal-Bolla bħala espressjoni tal-fidi fil-ħarsien ta' Marija lejn uliedha fi triqthom lejn is-sema f'din id-dinja u fl-istat tat-tisfija wara mewtna, huma dejjem intervjenu biex jevitaw li jsiru l-iżbalji frott l-eżaġerazzjoni devozzjonali. Wieħed mill-interventi kellu x'jaqsam mal-ikonografija Karmelitana. B'digriet tal-20 ta' Jannar 1613, ippubblikat fil-11 ta' Frar tal-istess sena, il-Kongregazzjoni tal-Inkwiżizzjoni tat direttivi biex fix-xbihat Marija Verġni ma tiġix murija fil-purgatorju, imma tkun maqtugħa mill-erwieħ li qed jiġu msoffija min-nar tal-imħabba ta' Alla. Dan id-dettall storiku jgħina biex niddataw il-kwadru tal-Karmnu li fuqu qed nitħaddtu. Nistgħu ngħidu li l-opra żgur hija waħda ta' wara l-1613. [6]

Fl-aħħarnett jittajru fuq ras il-Verġni Marija insibu żewġ anġli jżommu kuruna rjali. Marija hija hawnhekk preżentata bħala s-Sultana tas-Sema u tal-Art. L-Anġli jirrappreżentaw wieħed lil Alla Sid ta' kollox u ta' kulħadd u l-ieħor lill-mexxejja tal-art, kemm dawk reliġjużi kif ukoll dawk ċivili. Marija ġiet mgħollija u Inkurunata fis-Sema bħala Sultana, jiġifieri qed tieħu sehem bis-sħiħ fil-glorja ta' Alla għax hi mxiet wara Kristu u rebħet miegħu fuq il-mewt u d-dnub. Fl-Apokalissi Ġesù jwiegħed: "Lir-rebbieħ nagħtih il-kuruna tal-ħajja" (Apok 2:11) u "Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi; l-istess kif jien, meta rbaħt, qgħadt maġenb Missieri fuq it-tron tiegħu." (Apok 3:21).

Marija waħedha rċeviet bis-sħiħ din il-kuruna tal-ħajja jew tal-glorja għax hi tinsab fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Il-bqija tal-bnedmin, ukoll il-qaddisin fis-sema, ilkoll qed nistennew il-milja tal-glorifikazzjoni fl-aħħar jum meta Kristu jqajjem il-ġisem tagħna u jlibbsu bl-immortalità.[7] L-anġlu li jirrapreżenta lil Alla jinsab fuq in-naħa tax-xellug ta' min iħares lejn il-kwadru. Huwa liebes libsa dehbiena u l-porpra ħamra li turi d-divinità u r-regalità

ta' Alla. L-anġlu fuq il-lemin li jirrappreżenta il-mexxejja tal-art, liebes l-aħdar u porpra ħamra li turi r-regalità temporali u juri lill-Papa u l-Knisja kif ukoll is-saltniet kollha tal-art li jagħrfu b'Sidt tagħhom lil din il-Mara tas-Sema. Dawn il-mottiv ikonografiku u simboliku tal-anġli huwa aktarx karattesritika Naplitana li għadha tinżamm ukoll fl-arti tas-simboloġija presepjali.



F'Castel Nuovo ġewwa Napli hemm konservata pittura li turi l-Kurċifiss ma' Santa Katerina u San Eġidju. Wiċċ Santa Katerina jagħti lemħa lil dak tal-Madonna fil-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu tagħna. (Ara Footnote 5)

Fl-1881 il-kwadru ġie Inkurunat b'digriet mill-Kapitlu Vatikan, u hekk huwa l-ewwel Santwarju Inkurunat f'Malta għad-devozzjoni kbira tal-poplu u b'tifkira dejjiema tal-grazzji kollha li Alla permezz ta' Marija Santissima sawwab fuq il-poplu Malti permezz ta' din ix-xbieha. Wara l-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Karmnu bħal donnu f'Malta qamet din ix-xewqa li jiġu Inkurunati xbihat oħra devoti ta' Marija.

Tabilħaqq mhux ta' xejn li dan il-kwadru huwa privileġġjat saħansitra mis-Sema! Il-profondità u l-ġmiel teoloġiku li bih huwa mogħni jagħmlu minnu tassew ikona, xbieha tar-realtà spiritwali li tersaq lejna mingħand Alla u li lejha mexjin bil-fidi.

*Inti għalina, Bieb u muftieħ tal-Ġenna!*
*Agħmel Omm tagħna li niġu ħdejk fejn qegħdha Inkurunata!*

**Referenzi**

[1] Juan de la Cruz, *Subida del monte Carmelo*, 3/37

[2] Lawrenz Sammut, *Is-Santwarju tal-Karmnu,* Valletta 1952, 36.

[3] Il-fatt li l-figuri ta' Paladini huma iktar eleganti minn dawk li nsibu fil-kwadru tal-Karmnu, flimkien ma' fatturi ta' spostament – huwa telaq lejn Mazzarino fl-1595 u miet hemm fl-1614 – u fatturi ikonografiċi ta' natura teoloġika bħas-sħaba ta' taħt il-Madonna li titfa' l-manifattura tal-kwadru wara l-1613, tirrendi diskutibbli l-attribuzzjoni lilu. Ara nota numru 5.

[4] Jista' jagħti l-każ li dan fil-fatt kien il-kwadru miġjub minn Sqallija fl-1570, illum mitluf. Sammut jara kif jargumenta biex jipprova juri li dan il-kwadru li hemm illum inġieb fl-1570, imbagħad inbidel mal-ieħor li nqered bis-sajjetta, u fl-aħħar reġa' tqiegħed dan. Jagħmel iktar sens li ngħidu li l-kwadru oriġinali nqered u nġieb dan li hemm illum u warajh tqegħdu b'devozzjoni l-uċuh ta' Marija u ta' Ġesù li kien fadal. Cf.: Sammut, 36-37.

[5] It-tqarrib lejn Santafede qed nipproponih f'din il-kitba għaliex nara xebh kbir per eżempju fil-wiċċ tal-Madonna u l-qagħda tal-Bambin, fil-Kwadru tal-Karmnu ma dak li hemm fi Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li jinsab fil-*Gesù Nuovo* f'Napli. Hemm xebħ ukoll bejn San Xmun Stock u San Duminku. Ukoll fil-*Fine Arts Museum of San Francisco, California*, hemm disinn bl-inka u lapes ta' Santafede juri l-Inkurunazzjoni tal-Madonna mit-Trinità Qaddisa. Il-kuruna ta' fuq ras il-Madonna hija identika għal dik li nsibu mpittra fil-kwadru tal-Karmnu u li bħal donnha għandha mill-istil Spanjol. Naturalment hawnhekk qed nitkellem biss fuq xebħ li jista' jservi ta' xprun biex isir studju approfondit fuq livell artistiku tal-kwadru. L-użu wkoll tal-anġli jżommu l-kuruna huma karatteristika ta' Fabrizio Santafede u hija komuni fl-arti Marjana Taljana tan-Nofsinhar speċjalment fix-xbihat tal-Madonna tal-Karmnu. Ippolito Borghese (+1627) wkoll juża dan il-mottiv ikonografiku importanti u f'pittura minnhom li turi l-Madonna bl-erwieħ taħtha, u li tinsab fil-knisja tal-Kappuċċini f'Vico del Gargano, hemm xebh kbir ma' pittura oħra li turi l-Madonna tal-Karmnu u li attwalment tinsab fil-Knisja tal-Lunzjata, fil-Limiti tar-Rabat. F'*Castel Nuovo* ġewwa Napli hemm konservata pittura tiegħu li turi l-Kurċifiss ma' Santa Katerina u San Eġidju. Wiċċ Santa Katerina jagħti lemħa lil dak tal-Madonna fil-kwadru tal-Karmnu li fuqu qegħdin niktbu.

[6] Ara nota numru 3.

[7] Għal din ir-raġuni l-Knisja dejjem b'xi eċċezzjoni tinkuruna biss ix-xbihat ta' Ġesù u Marija u mhux ta' qaddisin oħra, għax huma biss fil-milja tal-glorja bir-ruħ u bil-ġisem. Li tinkuruna xbihat ta' qaddisin oħra, kbar kemm huma kbar hija drawwa devozzjonali imma ġest teoloġikament fqir jekk mhux żbaljat. Żgur li huwa ġest diskutibbli għax il-Knisja dejjem timxi bil-prinċipju tal-*lex orandi, lex credendi, lex vivendi*.



*Il-vara tal-Madonna tal-Karmnu armata fil-knisja l-antika għall-festa.*



*Il-purċissjoni nieżla lejn il-knisja.*



*Ritratt antik li juri l-vara tal-Madonna tal-Karmnu armata għall-festa. Il-vara kienet għadha tintrama fuq il-pedestall oriġinali tagħha għalhekk żgur ittieħed qabel is-sena 1898, meta sar it-tieni pedestall. Skont kitba li hemm wara r-ritratt jidher li ttieħed fis-sena 1866. Dan it-tieni pedestall illum jinsab fil-parroċċa ta' Santa Venera u fuqu hemm l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu.*



*Triq it-Teatru armata għall-festa qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija.*



*Triq ir-Repubblika armata għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu bid-disinji tal-karti.*



*Il-Kor tal-knisja l-antika fis-sena 1920. Huwa fatt kurjuż li taħt is-Santwarju jidher anġlu mis-sett ta' 12-il anġlu li kien għamel Karlu Darmanin għall-armar ta' barra. Forsi dan l-anġlu kien jintuża biex jitqiegħed il-Blandun f'idu fi żmien l-Għid. Tidher ukoll is-sopraporta tal-injam li kien hemm qabel. Wara din saret dik li hemm illum, xogħol mill-isbaħ fil-fidda.*



*L-artal maġġur li sar fl-1798, li kien hemm fis-Santwarju qabel ma saret it-tribuna. Dan l-artal kien inbiegħ fis-sena 1898 lill-Parroċċa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa u għadu hemm sallum.*



*Pjazza San Ġorġ armata għall-festa tal-Karmnu fis-sena 1881, is-sena tal-Inkurunazzjoni. Fuq il-palk tidher il-kolonna u l-anġlu, xogħol Karlu Darmanin li llum għadu jintrama ħdejn il-knisja.*



*Disinji armati fit-Triq it-Teatru fis-Sebgħinijiet.*